TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
(GHAWDEX)

GUDIKATUR DOTTOR KEVIN MOMPALAO LL.D. Atem

Seduta tal-Gimgha 9 ta' Dicembru 2016

Avviz Nru 29/2016

Maryanne Calleja

Vs

Noel Calleja

It-Tribunal

Ra' l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici talbet illi l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' tmien mija u sitta u disghin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€ 896.72) arrettrati ta' manteniment ghal zewgt uliedhom minuri skond kuntratt ta' separazzjoni tal-24 ta' Frar 2000.

Ra' illi l-konvenut irrisponda billi qal illi huwa dejjem hallas u ma hemm xejn aktar dovut peress illi l-minuri bdew jahdmu.

Ra' illi minkejja tali risposta giet registrata ammissjoni fl-atti.

Ra' u sema l-provi mressqa u ra' d-dokumenti esebiti.

Ra' d-digrieti kollha tieghu nkluz dak tad-29 ta' Dicembru 2016 li permezz tieghu din il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ra' l-bqija ta' l-atti.

Ikkonsidra

Illi fil-mori tal-proceduri l-konvenut tramite l-avukat tieghu ammetta t-talbiet attrici.

L-attrici hadet ukoll il-pedana tax-xhieda fejn ikkonfermat dak dovut lilha; u li tali dovut kien jirrelata ghal zmien qabel ma l-ulied bdew jahdmu.

Il-kuntratt ta' separazzjoni esebit huwa car.

Fid-dawl ta' dan kollu t-talbiet attrici jimmeritaw id-debitu akkoljiment fit-totalita taghhom.

Il-konvenut ghandu jkun tenut wkoll illi jispalla l-ispejjes stante illi ma kien hemm l-ebda raguni sabiex ma jhallasx, u l-propabbilita kienet illi huwa kien qed jilghab ghaz-zmien; kif ghamel quddiem dan it-Tribunal meta prova jiskappa n-notifika.

Ghandhom jiddekorru imghaxijiet mid-data ta' l-ittra ufficcjali u cioe minn l-14 ta' Marzu 2016.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddecidi din il-kawza billi jilqa' t-talbiet attrici, jikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici s-somma ta' tmien mija u sitta u disghin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€ 896.72) bl-imghax minn l-14 ta' Marzu 2016 il-quddiem. Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali, msemmija u dawk tal-pubblikazzjonijiet, kontra l-konvenut.

Kevin Mompalao

Gudikatur

Daniel Sacco

D/Registratur